VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,510, 11 ta' Diċembru, 2015
Taqsima B

A.L. 418 tal-2015

ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD (KAP. 425)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Agrikultura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 425.07

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (4), is-sid, in-noleġġatur u l-kaptan ta' bastiment tas-sajd lokali għandhom ikunu residenti f'Malta skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti."; u

Kap. 246.

(b) minnufih wara s-subregolament (3), kif sostitwit, għandhom jiżdiedu s-subregolamenti li ġejjin:

"(4) Id-Direttur għandu jipprovdi formoli tal-applikazzjoni separati u speċifiċi li jeħtieġu dik l-informazzjoni u, jew dokumentazzjoni li huwa jista' jqis adegwata, għar-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd lokali li l-kaptan tiegħu ma jkunx ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u, jew ma jissoddisfax ir-rekwiżiti ta' residenza skont is-subregolament (3):

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda dawk il-formoli ta' applikazzjoni għandhom jindikaw b'mod ċar li qegħdin ikunu sottomessi għall-għanijiet ta' dan is-subregolament u li dawk il-formoli ta' applikazzjoni, jekk mimlija korrettament, għandhom jiġu sottomessi mid-Direttur lill-Ministru biex dan tal-aħħar jikkunsidrahom skont dan ir-regolament:

Iżda wkoll, ebda kaptan ma għandu jiġi reġistrat u liċenzjat biex jopera bastiment tas-sajd lokali mid-Direttur taħt dan is-subregolament sakemm il-Ministru ma jordnax hekk bil-miktub wara li dan jikkunsidra li hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jeħtieġu dak l-ordni u li l-kaptan prospettiv huwa debitament kwalifikat biex jaġixxi bħala tali skont il-liġi:

Iżda wkoll, il-Ministru jista', f'kull ħin, jiddelega s-setgħat tiegħu taħt dan is-subregolament lid-Direttur.

(5) Ir-reġistrazzjoni u l-liċenzjar ta' kaptan ta' bastiment tas-sajd lokali kif ordnat mill-Ministru taħt is-subregolament (4) għandhom ikunu validi għal perijodi li jiġġeddu li ma jkunux aktar minn sena.".

Iħassar ir-regolamenti 13 u 15 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolamenti 13 u 15 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassrin.